# Il-Knisja Ta' L-Immakulata Kunċizzjoni Fl-Imsida.

Tony Terribile

Din is-sena qegħdin infakkru l-150 sena minn meta l-Beatu, il-Papa Piju 1X ipproklama mad-dinja Kattolika id-Domma li tabilħaqq il-Madonna tnisslet mingħajr id-dnub oriġinali. Din id-Domma ta' Fidi kienet ġiet imħabbra b'mod sollenni nhar it-8 ta' Diċembru 1854. Kien jum kbir fl-istorja tal-Knisja. Għal din l-okkażjoni madwar id-dinja kollha saru ċelebrazzjonijiet kbar f' ġieħ il-Madonna.

F'Malta wkoll saru għadd ta' ċelebrazzjonijiet għaliex f'dawn il-gżejjer din il-qima Marjana kellha għeruq fondi sewwa. Madwar Malta u Għawdex, sa' minn qabel il-miġja tal-Kavalieri diġa kien hawn numru ta' knejjes u kappelli ddedikati lil Marija Immakulata.

Ħarsa ħafifa lejn ir-rapport tal-vista pastorali ta' Monsinjur Pietro Duzina li saret fl-1575, jikkonferma dan li qegħdin ngħidu. Fost dawn il-knejjes insibu l-knisja tal-Kunċizzjoni li kienet fid-daħla ta' l-Imsida u li kienet tifforma parti mill-parroċċa ta' Birkirkara. Din fl-1867, ġiet magħżula bħala l-knisja parrokkjali ta' l-Imsida.

Illum wara dawn is-snin kollha din il-knisja għadha wieqfa bħala xhieda oħra tal-qedem tad-devozzjoni tal-Kunċizzjoni fi gżiritna. Xieraq li llum, f'din l-okkażjoni, indawru l-ħarsa tagħna lejn din il-knisja, u fil-qosor naraw il-grajjiet prinċipali tagħha.

L-ewwelnett din il-knisja mħaffra fil-blat, hija waħda mill-ftit li baqa f'dawn il-gżejjer. Għal din ir-raġuni, matul il-mixja tas-snin, din il-knisja sofriet għadd ta' ħsarat, ikkaġunati mill-ilma li



jċarċar mill-blat. Kemm hu hekk isqfijiet differenti ikkummentaw dwar dawn il-ħsarat fl-atti tal-visti pastorali tagħhom.

Fil-vista pastorali tas-sena 1680 naqraw li din il-knisja kienet reġgħet inbniet mill-ġdid għall- ħabta tal-1604. Mid-dehra din il-knisja kellha devozzjoni kbira ħafna, kemm hu hekk fiha saret statwa tal-ġebel bħala radd il-ħajr għall- waqfien tal-marda tal-pesta tal-1675.

Xhieda oħra ta' qima lejn il-Madonna f'din il-knisja, hija r-rapport tal-vista pastorali tas-sena 1656

magħmula mill-isqof Buhagiar meta kiteb li din il-knisja kienet waħda mill-aktar knejjes devoti li wieħed kien isib f' Malta.



Fost id-devoti ta' din il-knisja nsibu l-ewwelnett lill-familja Famucelli li kienet waħda mill-aktar influwenti fis-soċjeta ta' dawn il-gżejjer fis-seklu 17. Dijonijsu Famucelli kien il-prokuratur ta' din il-knisja u rabat ismu magħha għal bosta opri li għamel fiha fosthom iz-zuntier u s-sagristija.

Maż-żmien għadd ta' Maltin oħra, waqqfu għadd ta' benefikati u kif ukoll żejnuha b' bosta opri sbieħ. Wieħed mill-akbar benefatturi ta' din il-knisja kien il-balliju ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Fra Wolfgang Philip Baruni ta' Guttenberg. Dan il-kavalier ta hafna ħwejjeġ lil din il-knisja u żejjinha b'għadd ta' benefikati. Tant ħabb lil din il-knisja, li l-Maltin laqqmu lil din il-knisja tal-Madonna, bħala "Il-Knisja tal-Balliju". Sa' llum għadna naraw irħama li tfakkar lil dan il-benefattur kbir. Mal-mixja tas-snin din il-knisja kompliet tiġi mżejna b' għadd ta' ħwejjeġ interessanti. L-istess nistgħu ngħidu għad-devozzjoni lejn Marija Immakulata.

Dan l-iżvilupp wassal biex fl-1859 il-knisja ġiet imkabbra u mogħtija dehra ġdida iżda minħabba l-umdita tal-blat, u kif ukoll minħabba li ġiet mibnija l-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp, il-knisja l-qadima tal-Kunċizzjoni spiċċat fi stat ħażin. Dan wassal biex għal xi żmien il-knisja ingħalqet għall-kult.

Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin qam moviment biex il-knisja terġa tinfetaħ. Bl-għajnuna ta' l-Isqof Angelo Portelli u ta' għadd ta' Misidjani il-knisja ġiet irranġata sewwa u reġgħet fetħet għall-qima divina.

Hekk għadha sa' llum u nisperaw li tibqa fis-snin futuri.




*Tagħlim tal-Mużika kull nhar ta' Erbgħa mil-5.00pm sa 7.00pm il-każin. Inħeġġukom biex tibatu lil uliedkom*